



UNJONI EWROPEA

IL- PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 26 ta' Novembru 2010
(OR. es)

2010/0175 (COD)

PE-CONS 49/10

PECHE 224
CODEC 974

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward tal-
projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet
fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u
fis-Sound

REGOLAMENT (UE) Nru .../2010
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005
fir-rigward tal-projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet
fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005¹ jistabbilixxi miżuri tekniċi speċifiċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, u b' mod partikolari jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq is-sajd għal ċerti speċijiet, daqsijiet tax-xbieki u żoni.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1226/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2010² jipprovdi għall-projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva u għar-restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali.
- (3) Din il-projbizzjoni u dawn ir-restizzjonijiet huma miżuri tekniċi ta' natura permanenti li m'għandhomx jiġu inklużi aktar fil-qafas regolatorju li jistabbilixxi l-opportunitajiet annwali tas-sajd. Minn Jannar 2011, huma għandhom għalhekk jiġu inkorporati fir-Regolament (KE) Nru 2187/2005.

¹ ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.

² ĠU L 330, 16.12.2009, p. 1.

- (4) It-terminu "Komunità" użat fit-termini leġiżlattivi tar-Regolament (KE) Nru 2187/2005 għandu jinbidel wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009.
- (5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni kontinwa tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, huwa għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 huwa b'dan emendat kif ġej:

- (1) Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 15a

Projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading)

Kwalunkwe speċi li hija suġġetta għal kwota li tinqabad matul l-operazzjonijiet tas-sajd għandha tittella' abbord il-bastiment u sussegwentement tinħatt l-art sakemm dan ma jmurx kontra l-obbligi previsti fir-regolamenti tal-Unjoni dwar is-sajd li tistabbilixxi miżuri tekniċi, ta' kontroll u ta' konservazzjoni, b'mod partikolari f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jew fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd*.

* ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1”.

(2) Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 18a

Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u għall-barbun imperjali

1. Iż-żamma abbord tal-ispeċijiet ta' ħut li ġejjin għandha tkun ipprojbita meta dawn jinqabdu fiż-żoni ġeografiki u matul il-perjodi msemmijin hawn taħt:

Speċijiet	Żona ġeografika	Perjodu
Barbun (<i>Platichthys flesus</i>)	Subdiviżjonijiet 26, 27, 28 u 29, fin-Nofsinhar ta' 59°30'N	Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju
	Subdiviżjoni 32	Mill-15 ta' Frar sal-31 ta' Mejju
Barbun imperjali (<i>Psetta maxima</i>)	Subdiviżjonijiet 25, 26 u 28 fin-Nofsinhar ta' 56°50'N	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta jkun qed isir sajd bix-xbieki tat-tkarkir, b'tartaruni Daniżi u b'irkaptu simili bid-daqs ta' malji daqs jew akbar minn 105 mm jew b'għeżula tat-tisqif, għeżula tat-tħabbil u pariti ta' malji ta' 100 mm jew akbar, qabdiet incidental ta' barbun u barbun imperjali jistgħu jinżammu abbord jew jinħattu l-art f'limitu ta' 10% tal-piż ħaj tal-qabda sħiħa miżmuma abbord jew tinħatt l-art matul il-perijodi ta' projbizzjoni msemmijin fil-paragrafu 1."

3. Fl-Artikolu 26(1) u (2), in-nom “Komunità”, jew l-aġġettiv korrispondenti, huwa sostitwit bin-nom “Unjoni”, jew l-aġġettiv korrispondenti, u għandhom isiru kwalunkwe aġġustamenti grammatikali meħtieġa b’konsegwenza ta’ din is-sostituzzjoni.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’ *il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
